# IL-KULT PAWLIN F'MALTA

Mario Fenech

Għadna kemm iċċelebrajna s-Sena Pawlina b'numru kbir ta' attivitajiet li saru kemm fuq skala Nazzjonali kif ukoll fuq skala Parrokjali.

Kellna ċ-ċans li nammiraw aktar mill-qrib uħud minn dawk l-Opri Sagri Pawlini li għandna fil-gżejjer Maltin. Għażilt żewġ kwarti li fihom hemm ix-xbieha ta' San Pawl.

L-ewwel kwadru jinsab fil-bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex. Kwadru li huwa xogħol tal-Artist Clemente Busuttil li għex bejn is-sena 1810 u s-sena 1883. Iżżewweġ lil Tereża Cassar mir-Rabat Għawdex u kien għalliem tad-disinn fl-iskola tal-gvern. Ma għamilx wisq xogħlijiet li nafu bihom fil-knejjes tagħna.

Is-suġġett tal-kwadru tal-Bażilika tan-Nadur huwa l-Konsagrazzjoni ta' San Publiju minn San Pawl. F'dan ix-xogħol naraw lil San Pawl qiegħed b'idejh il-leminija fuq ras San Publiju għarkubtejh b'rasu baxxuta b'idejh ma' xulxin b'sinjal ta' qima u talb. Fil-parti ta' fuq tat-tila, anġlu żgħir qed iħares lejn din ix-xena fil-waqt li f'idejh qed iżomm il-mitra u l-baklu.

Biex juri li din il-Konsagrazzjoni ta' San Publiju kienet saret ftit qabel ma San Pawl telaq mill-gżejjer Maltin, l-artist pinġa l-gżejjer u l-baħar bejn il-figura ta' San Publiju u l-anġlu.

Il-Kwadru l-ieħor li għażilt għal dan l-artiklu huwa tal-artist Lazzaro Pisani li għex bejn is-sena 1854 u s-sena 1932. Dan l-artist għandu numru kbir ta' xogħlijiet mifruxin mal-knejjes ta' Malta u Għawdex u huma ta' valur artistiku għoli. Bħall-artist Clemente Busuttil, huwa kien għalliem tal-arti fl-iskola tal-gvern.

Dan il-kwadru jinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fl-Imsida u għamlu fis-sena 1891. Ix-xena f'dan il-kwadru hija dik tat-tluq ta' San Pawl minn Malta.

Xena sabiħa li fiha naraw lil San Pawl qiegħed jitlob il-Barka t'Alla fuq in-nies li hemm imdawrin miegħu. Figura mportanti f'dan ix-xogħol hija ta' San Publiju li hawnhekk narawh qiegħed iżomm minn idejh lil San Pawl qisu qiegħed jgħidlu biex jibqa' hawn mal-poplu li tant ħabb.

Is-suldat Ruman u raġel ieħor wara l-figura ta' San Pawl jagħtuna x'nifhmu li dawn qegħdin hemm biex iwassluh lejn il-ġifen li hemm bil-qlugħ lest biex isalpa minn max-xtut tal-gżejjer Maltin.

Fuq in-naħa tal-lemin tat-tila l-artist pinġa mara għarkubbtejha qegħda tressaq tifel ċkejken bil-ġewlaq bil-frott fih lejn San Pawl Missier il-poplu Malti kollu.

Żewġ kwadri sbieħ mill-ħafna li għandna fil-knejjes tagħna bix-xbieha ta' San Pawl.